# 45. Il-Għodwa fil-Liblieba

Il-għodwa tisbaħ ġewwa l-lvant fix-xefaq
darba kull jum: bix-xemx tad-deheb imdawra
b'dawra żgħira ta' bjuda w b'dawra kbira
ta' baħar ikħal.

Tisbiħ ukoll il-għodwa fil-liblieba
kull jum eluf ta' drabi, daqs kemm jiftaħ
liblieb f'kull xitla ġol-ħammieli mżewqa
ta' ġewwa l-ġnien.

Ommna n-Natura kull tant tegħja toħloq,
u ttenni l-ħsieb u lid-disinn u s-sura;
u meta ġiet biex tiżbogħ lil-liblieba
tenniet il-ħjiel

tal-għodwa, w ħażżet fuq it-tond ta' wiċċha
bħal xemx tad-deheb, b'dawra ta' bjuda żgħira
u b'dawra kbira ta' smewwiet w baħar
koħol bħan-nir,

sew sew kif għamlet meta ġiet biex tiżbogħ
il-werqa l-kbira tal-pensier bellusi:
tenniet il-ħsieb tal-friefet u fil-werqa
ħażżet farfett.